# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 267/2017PM1**

**Nectar Limited (C13065)**

**Vs**

**Ritianne Callus (K.I. 439077(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2017 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal jiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat prodotti ta' ikel u nkorriet diversi spejjez fuq inkarigu tal-intimata, tiddikjara li l-hlas dovut lis-socjeta` rikorrenti mill-intimata ghal dan is-servizz jammonta ghal tlett elef, sebgha mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha ghoxrin centezmi (€3754.27), jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` attrici l-istess somma bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 27 ta' Jannar, 2017.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba, senjatament l-istatement u l-invoice relattivi ghas-somma mitluba.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-intimata wiegbet ghat-talbiet attrici billi eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti kontra l-istess attur ghas-segwenti ragunijiet: illi l-konvenuta qatt ma kellha relazzjoni ta' xejn mal-attur u li minghajr pregudizzju ghall-premess, il-mertu huwa kontestat bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-attur salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fis-seduta tas-16 ta'Ottubru, 2017 ma deher hadd u li fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017 la l-konvenuta u lanqas id-difensur taghha ma dehru. Ghal darb'ohra waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2017 ma deher hadd u l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tas-socjeta` attrici ghall-15 ta' Jannar, 2018.

Illi waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2018 deher Robert Darmanin ghas-socjeta' attrici assistit mir-rapprezentant legali tieghi. Ghall-intimat baqa' ma deher hadd. It-Tribunal sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici, ra d-dokumenti ezebiti minnu u ra li gie prezentat seduta stante kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess intimata, dana kif provdut that l-art. 13(b) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fatt l-intimat naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra, dan anke ghaliex is-somma mitluba tirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mix-xhieda tar-rapprezentant legali tal-attur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u filwaqt li jiddikjara li s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat prodotti ta' ikel lill-intimata u nkorriet diversi spejjez fuq inkarigu tal-intimata fil-valur komplessiv ta' tlett elef, seba' mija u erbgha u hamsin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€3754.27), jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta'

attrici is-somma mitluba ta' tlett elef, seba' mija u erbgha u hamsin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€3754.27) rapprezentanti prezz ghal dan is-servizz, bl-ispejjez kontra l-intimata inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 27 ta' Jannar, 2017.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**